# Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' Dejta dwar Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea għall-Istati Uniti għall-finijiet tal-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP II)

(2010/C 355/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2]),

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

## I. INTRODUZZJONI

1. Fil-15 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' Dejta dwar Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea għall-Istati Uniti għall-finijiet tal-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP) (minn hawn 'il quddiem "il-proposta"). Il-proposta (inkluż it-test ta' abbozz ta' ftehim mal-Istati Uniti) intbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni. Il-KEPD jilqa' din il-konsultazzjoni u jirrakkomanda li tiġi inkluża referenza għal din l-opinjoni fil-preambolu tal-Proposta.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni hija dovuta għall-bidliet fl-istruttura ta' SWIFT ([3]), li mill-1 ta' Jannar 2010 tiżgura li messaġġi ta' tranżazzjonijiet finanzjarji ta' SWIFT li jkunu jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea u fl-Iżvizzera jibqgħu fi ħdan iż-żona Ewropea – b'differenza miż-żona transatlantika – u mhux sejrin jibqgħu jkunu riflessi fiċ-ċentru operattiv tal-Istati Uniti.

3. Bil-proposta attwali il-Kummissjoni tistipula ftehim internazzjonali bejn l-UE u l-Istati Uniti, li, ibbażat fuq l-Artikoli 216 (ftehimiet internazzjonali), 82 (kooperazzjoni ġudizzjarja) u 87 (kooperazzjoni tal-pulizija) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sejjer ikun jeħtieġ trasferiment ta' dejta ta' messaġġi finanzjarji rilevanti lid-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti li huma meħtieġa għall-finijiet tal-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu tad-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti.

4. B'mod partikolari, b'referenza għad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2010, li ma jagħtix il-kunsens tiegħu fir-rigward tal-ftehim temporanju iffirmat fit-30 ta' Novembru 2009, l-abbozz il-ġdid jimmira li jindirizza b'mod partikolari t-tħassib fir-rigward tal-protezzjoni ta' dejta personali, dritt fundamentali li wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona kiseb ħafna aktar rilevanza fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea.

5. Il-proposta tenfasizza r-rilevanza tal-protezzjoni tad-dejta billi tirreferi b'mod espliċitu għal artikoli rilevanti tat-Trattati u ta' strumenti internazzjonali oħra u billi tirrikonoxxi n-natura tagħha ta' dritt fundamentali. Madankollu, ma tipprevedix l-użu tal-Artikolu 16 tat-TFUE bħala bażi legali, minkejja l-fatt li l-Artikolu 1.1 tal-ftehim propost jenfasizza livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu. F'dan ir-rigward, il-KEPD itenni li dan il-ftehim mhux biss jirrigwarda l-iskambju ta' dejta personali, iżda anki l-protezzjoni ta' din id-dejta. L-Artikolu 16 tat-TFUE huwa għalhekk mhux inqas rilevanti bħala bażi legali mill-Artikoli 82 u 87 tat-TFUE relatati mal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi li ntgħażlu bħala bażijiet legali.

6. Il-proposta hija suġġetta għall-proċedura tal-Artikolu 218 (6) TFUE. Skont din il-proċedura, il-Kunsill jista' jadotta biss deċiżjoni li tawtorizza l-konklużjoni tal-ftehim wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Din il-proposta b'hekk tirrappreżenta "test-case" kruċjali fl-applikazzjoni tal-proċeduri l-ġodda ta' Lisbona għal ftehim internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' dejta personali. Li jiġi żgurat li l-prinċipji u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-dejta jkunu stabbiliti b'mod sodisfaċenti f'dan il-ftehim iwitti t-triq biex dawn jiksbu suċċess f'negozjati oħrajn.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) SWIFT hija kumpanija bbażata fil-Belġju li globalment tipprovdi servizzi ta' messaġġi lil istituzzjonijiet finanzjarji. Mill-2001 'l hawn, it-Teżor tal-Istati Uniti ilu jibgħat ċitazzjonijiet amministrattivi lil SWIFT sabiex ikollu aċċess għal xi data personali relatata ma' tranżazzjonijiet finanzjarji, riflessa fuq server li jinsab fuq territorju tal-Istati Uniti.

7. F'dan il-kuntest, il-KEPD jenfasizza l-importanza tan-negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-protezzjoni ta' dejta personali meta tiġi ttrasferita u pproċessata għall-iskop tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' offiżi kriminali, inkluż it-terroriżmu, fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. L-abbozz tal-mandat biex jinbdew dawn in-negozjati ġie adottat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Mejju 2010. Fil-preżentazzjoni ta' dan l-abbozz tal-mandat, il-Kummissjoni għamlet enfasi fuq il-ħtieġa għal ftehim solidu dwar il-protezzjoni tad-dejta personali ([1]).

8. F'dan l-isfond, il-KEPD jirrakkomanda li mal-proposta attwali tiżdied rabta b'saħħitha man-negozjati mal-Istati Uniti dwar il-qafas transatlantiku ġenerali tal-protezzjoni tad-dejta. Għandu jiġi żgurat li dawn l-istandards ikunu applikabbli wkoll għall-ftehim TFTP II. Il-KEPD jirrakkomanda li dan ir-rekwiżiti jiġi inkluż fil-ftehim attwali, jew għall-inqas li jintlaħaq ftehim mal-gvern tal-Istati Uniti li ftehim possibbli fil-ġejjieni dwar il-protezzjoni tad-dejta jkun ikopri l-iskambji previsti skont il-proposta preżenti.

9. Finalment, il-KEPD qiegħed jikkontribwixxi b'mod attiv għall-pożizzjonijiet tal-Artikolu 29 dwar il-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tad-Dejta u tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja. Minbarra l-punti li saru jew li jridu jsiru f'dawk il-pożizzjonijiet, din l-opinjoni tanalizza l-proposta attwali billi tibni fuq il-kummenti preċedenti tal-KEPD, f'dak li għandu x'jaqsam kemm mal-ftehim interim kif ukoll man-negozjati kontinwi mal-Istati Uniti.

## II. ANALIŻI TAL-PROPOSTA

### II.1. Il-proposta fiha xi titjib

10. Il-KEPD jirrikonoxxi li din il-proposta tipprevedi ċertu titjib sostanzjali fir-rigward tal-ftehim interim TFTP I, bħal:

— L-esklużjoni tad-dejta tas-SEPA. Il-proposta tipprevedi b'mod espliċitu li t-talbiet mit-Teżor tal-Istati Uniti ma għandhom ifittxu ebda dejta relatata maż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (Artikolu 4.2.d)

— Id-definizzjoni ta' terroriżmu. L-Artikolu 2 tal-proposta jibni fuq id-definizzjoni ta' terroriżmu fuq l-approċċ tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/475/JHA ([2]).

11. Barra minn hekk, minbarra t-talbiet tal-Parlament Ewropew u tal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta, il-proposta tistabbilixxi serje ta' dispożizzjonijiet (Artikoli 14-18) li jittrattaw id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta, bħad-dritt li jkunu informati, id-dritt tal-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir jew l-imblukkar, kif ukoll id-dritt għall-ksib ta' rimedju. Madankollu, l-infurzabbiltà konkreta ta' dawn id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti miċ-ċittadini jew residenti mhux mill-Istati Uniti għadhom mhumiex ċari (ara l-paragrafu II.2.3 hawn taħt).

### II.2. Iżda xorta għad hemm bżonn ta' aktar titjib

12. Il-KEPD jaqbel għal kollox mal-ħtieġa li jiġi żgurat, kif previst mill-Artikolu 1.1 tal-proposta, ir-rispett sħiħ għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. F'din il-perspettiva, il-KEPD jirrimarka li għad hemm ċerti kwistjonijiet miftuħa li jridu jiġu indirizzati u elementi ewlenin li jridu jitjiebu sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni ta' dejta personali.

#### II.2.1. *L-ipproċessar previst tad-dejta personali huwa tassew meħtieġ u proporzjonat?*

13. Il-KEPD huwa konxju għal kollox li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu tista' tirrikjedi restrizzjonijiet għad-dritt għall-protezzjoni ta' dejta personali kif ukoll għad-dispożizzjonijiet dwar is-segretezza bankarja. Dan huwa diġà l-każ f'serje ta' strumenti tal-UE ([3]) li fihom għadd ta' miżuri mmirati biex jiġġieldu l-użu ħażin tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Dawn l-istrumenti fihom ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi kif ukoll salvagwardji għall-protezzjoni ta' dejta personali, b'konformità mad-Direttiva 95/46/KE.

14. Barra minn hekk, il-ftehim dwar l-assistenza legali reċiproka bejn l-UE u l-Istati Uniti jippermetti b'mod espliċitu l-iskambju bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' informazzjoni relatata ma' kontijiet bankarji u transazzjonijiet finanzjarji, filwaqt li jipprovdi kundizzjonijiet u limitazzjonijiet fir-rigward ta' dan l-iskambju. Minbarra dan, fil-livell internazzjonali, l-hekk imsejħa Prinċipji Egmont ([4]) jistabbilixxu l-bażi għall-iskambju internazzjonali ta' informazzjoni dwar transazzjonijiet finanzjarji bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, filwaqt li jistabbilixxu limitazzjonijiet u salvagwardji fir-rigward tal-użu tad-dejta skambjata. Minbarra dan, l-istrumenti għall-iskambju tad-dejta bejn l-Istati Uniti u l-Europol u l-Eurojust huma diġà fis-seħħ, billi jiżguraw fl-istess ħin l-iskambju tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-dejta personali.

([1]) Ara l-Istqarrija għall-Istampa, http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/10/609&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en

([2]) Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.

([3]) B'mod partikolari, id-Direttiva 2005/60/KE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (KE) Nru 1781/2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi.

([4]) http://www.egmontgroup.org/library/download/5

15. F'dan l-isfond, il-proposta tal-Kummissjoni tenfasizza l-utilità tal-Programm TFTP, kif imressaq mit-Teżor tal-Istati Uniti u mir-rapporti tal-persuna eminenti. Madankollu, il-kundizzjoni stabbilita mill-Artikolu 8 ECHR sabiex tiġi ġġustifikata l-interferenza mal-ħajja privata hija "neċessità" minflok "utilità".

16. Skont il-KEPD, hemm bżonn ta' evidenza biżżejjed tal-valur miżjud reali ta' dan il-ftehim li jieħu f'kunsiderazzjoni l-istrumenti eżistenti diġà, jew, fi kliem ieħor, sa liema punt il-ftehim huwa tassew neċessarju sabiex jinkisbu r-riżultati li ma jistgħux jinkisbu bl-użu ta' strumenti inqas intrużivi għall-privatezza, bħal dawk stabbiliti diġà mill-qafas tal-UE u internazzjonali eżistenti. Skont il-KEPD, dan il-valur miżjud għandu jiġi stabbilit b'mod mhux ambigwu, bħala prekundizzjoni għal kwalunkwe ftehim mal-Istati Uniti dwar l-iskambju ta' dejta finanzjarja, anki fid-dawl tan-natura intrużiva tal-ftehim (ara wkoll il-paragrafi 18-22 dwar il-proporzjonalità).

17. Il-KEPD mhuwiex f'pożizzjoni li jiġġudika n-neċessità ta' dan il-ftehim. Madankollu, anki jekk jintwera li l-ftehim huwa neċessarju, hemm punti oħrajn li għadhom jeħtieġu l-attenzjoni tan-negozjaturi.

18. Il-proporzjonalità hija wkoll il-kriterju ewlieni fil-valutazzjoni tal-ammont ta' dejta personali trasferita u l-perjodu ta' ħżin tagħhom. L-Artikolu 4 tal-proposta jdejjaq l-ambitu tat-talbiet tal-Istati Uniti. Madankollu, il-proposta xorta waħda tipprevedi li d-dejta personali tiġi trasferita lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti f'ammonti kbar u mbagħad tinżamm fil-prinċipju għal perjodu ta' 5 snin, irrispettivament minn jekk din tkunx ġiet estratta jew jekk ikunx hemm rabta bil-provi ma' investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.

*Trasferimenti kbar*

19. Il-proposta, minkejja t-talbiet tal-Parlament Ewropew u tal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta, għadha bbażata fuq il-kunċett li d-dejta personali tiġi trażmessa f'ammont kbir lit-Teżor tal-Istati Uniti. Fir-rigward ta' dan il-punt, huwa importanti li jiġi kkjarifikat li l-fatt li s-sistema attwali ta' SWIFT ma tippermettix li ssir tfittxija mmirata, hija ma tistax titqies bħala ġustifikazzjoni suffiċjenti sabiex it-trasferimenti tad-dejta f'ammonti kbar isiru legali skont il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta.

20. Għalhekk, il-KEPD jemmen li għandhom jinstabu soluzzjonijiet biex jiġi żgurat li t-trasferimenti kbar jiġu sostitwiti minn mekkaniżmi li jippermettu li d-dejta ta' tranżazzjoni finanzjarja tiġi ffiltrata fl-UE, u biex jiġi żgurat li tintbagħat biss id-dejta rilevanti u meħtieġa lill-Awtoritajiet tal-Istati Uniti. Jekk dawn is-soluzzjonijiet ma jkunux jistgħu jinstabu minnufih, allura l-Ftehim għandu fi kwalunkwe każ jiddefinixxi strettament perjodu transitorju qasir li warajh ma jitħallewx isiru aktar trasferimenti kbar.

*Il-perjodu tal-ħżin*

21. Fir-rigward tal-perjodu tal-ħżin, il-KEPD jirrikonoxxi li l-proposta tistabbilixxi b'mod korrett il-perjodi massimi taż-żamma, kif ukoll il-mekkaniżmi li jiżguraw li d-dejta personali titħassar meta ma tibqax aktar meħtieġa. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-proposta dwar id-dejta mhux estratta jidhru li sejrin fid-direzzjoni opposta. L-ewwelnett, il-kunċett ta' "dejta mhux estratta" mhuwiex evidenti fih innifsu u għalhekk għandu jiġi kkjarifikat. It-tieni, ir-raġunijiet li għalihom huwa meħtieġ li d-dejta mhux estratta tinżamm għal 5 snin mhumiex ippruvati.

22. Il-KEPD jirrikonoxxi bis-sħiħ il-ħtieġa li d-dejta personali meħtieġa għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika kontra t-terroriżmu tiġi aċċessata, ipproċessata u miżmuma għal kemm ikun hemm bżonn, f'xi każijiet għal saħansitra aktar minn 5 snin, minħabba li jista' jkun il-każ li d-dejta personali tkun meħtieġa għal investigazzjonijiet li jdumu għaddejjin ħafna jew għal proċeduri ġudizzjarji. Madankollu, meta wieħed jassumi li d-dejta mhux estratta hija dejta li tkun ġiet trasferita f'ammonti kbar u li la tkun ġiet aċċessata u lanqas użata għal prosekuzzjoni jew investigazzjoni speċifika, il-perjodu tal-ħżin permess għaż-żamma ta' dik id-dejta għandu jkun ferm aktar limitat. F'din il-perspettiva, huwa utli li jiġi enfasizzat li l-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża kienet tal-fehma li fil-każ taż-żamma ta' dejta dwar it-telekomunikazzjoni, perjodu ta' ħżin ta' 6 xhur huwa diġà twil ħafna u għaldaqstant jeħtieġ ġustifikazzjoni adegwata ([1]). Il-Qorti Kostituzzjonali dehret li qieset dan il-perjodu ta' 6 xhur bħala massimu għal dejta li ma kinitx relatata ma' xi investigazzjoni speċifika.

II.2.2. *Il-proposta tiżgura sorveljanza ġudizzjarja?*

23. Skont il-mandat ta' negozjar, awtorità pubblika ġudizzjarja għandu jkollha r-responsabbiltà li tirċievi t-talbiet mingħand it-Teżor tal-Istati Uniti, tivvaluta l-konformità tagħhom mal-ftehim u, fejn xieraq, titlob lill-fornitur biex jittrasferixxi d-dejta fuq il-bażi ta' sistema "push". Il-Parlament Ewropew u l-KEPD laqgħu dan l-approċċ, li jirrappreżenta garanzija kruċjali – b'konformità mal-kostituzzjonijiet nazzjonali u s-sistemi legali tal-Istati Membri – li tiżgura t-trasferimenti legali u bilanċjati tad-dejta, kif ukoll sorveljanza indipendenti.

([1]) Sentenza tat-2 ta' Marzu 2010.

24. Madankollu, il-proposta tassenja dan il-kompitu lill-Europol, li huwa Aġenzija tal-UE għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u forom oħrajn ta' kriminalità serja, li jaffettwaw żewġ Stati Membri jew aktar. [1] Huwa ovvju li l-Europol mhuwiex awtorità ġudizzjarja.

25. Minbarra dan, l-Europol għandu interessi speċifiċi fl-iskambju ta' dejta personali, fuq il-bażi tal-ftehim propost. L-Artikolu 10 tal-proposta jagħti lill-Europol is-setgħa li jitlob għall-informazzjoni rilevanti miksuba permezz tat-TFTP, jekk ikollu raġuni biex jemmen li persuna jew entità għandha rabta mat-terroriżmu. Huwa diffiċli li tiġi rrikonċiljata din is-setgħa tal-Europol, li tista' tkun importanti għall-issodisfar tal-kompitu tal-Europol u li tirrikjedi relazzjonijiet tajbin mat-Teżor tal-Istati Uniti, bil-kompitu tal-Europol li jiżgura s-sorveljanza indipendenti.

26. Barra minn hekk, il-KEPD jistaqsi safejn jiġi fdat l-Europol bil-qafas legali attwali – speċjalment mingħajr ma tinbidel il-bażi legali tiegħu skont il-proċedura ordinarja stabbilita mit-Trattat ta' Liżbona – bil-kompiti u s-setgħat biex jagħmel talba amministrattiva li tkun ġejja minn pajjiż terz "vinkolanti" (Artikolu 4.5) fuq kumpanija privata, li għalhekk issir "awtorizzata u mitluba" biex tipprovdi dejta lil dak il-pajjiż terz. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li taħt l-istat preżenti tal-liġi tal-UE mhuwiex evidenti jekk deċiżjoni tal-Europol vis-à-vis kumpanija privata hijiex sejra tkun suġġetta għal kontroll ġudizzjarju mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

27. F'dan l-isfond, il-KEPD itenni l-opinjoni tiegħu li, bil-għan ukoll li jirrispetta l-mandat ta' negozjar u l-qafas legali attwali tal-UE, il-kompitu tal-valutazzjoni tat-talbiet tat-Teżor tal-Istati Uniti għandu jiġi fdat lil awtorità ġudizzjarja pubblika.

II.2.3. *Il-proposta tagħti drittijiet infurzabbli (u protezzjoni) lis-suġġetti tad-dejta?*

28. Kif issemma diġà fil-parti introduttorja ta' din l-opinjoni, il-proposta tistabbilixxi serje ta' drittijiet tas-suġġetti tad-dejta, bħad-dritt li jkunu informati, id-dritt tal-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir jew l-imblukkar, kif ukoll id-dritt għall-ksib ta' rimedju. Madankollu, huwa importanti minn naħa waħda li jittejbu ċerti elementi ta' dawn id-dispożizzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li tiġi żgurata l-infurzabilità effettiva tagħhom.

29. Fir-rigward tad-dritt tal-aċċess ta' persuna għad-dejta personali tagħha, il-ftehim jistabbilixxi serje ta' limitazzjonijiet. Il-KEPD jirrikonoxxi li, speċjalment fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-limitazzjonijiet għad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ sakemm ikunu meħtieġa. Madankollu, il-proposta għandha tagħmilha ċara li, filwaqt li l-iżvelar ma' persuna tad-dejta personali tagħha jista' jkun limitat sewwa fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 15.2, l-iżvelar ta' din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta għandu f'kull każ ikun possibbli, sabiex dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jissodisfaw b'mod effettiv il-kompitu ta' sorveljanza tagħhom. Ovvjament, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta sejrin ikunu marbuta bl-obbligu tal-kunfidenzjalità fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u ma jiżvelawx id-dejta mal-persuna kkonċernata, sakemm jissussistu l-kundizzjonijiet għal eċċezzjoni.

30. Fir-rigward tad-dritt ta' rettifika, l-Artikolu 17. 2 jiddikjara li "Kull Parti għandha, meta jkun fattibbli, tinnotifika lill-parti l-oħra jekk issir taf li l-informazzjoni materjali li tkun ittrażmettiet lil jew irċeviet mingħand il-Parti l-oħra skont dan il-Ftehim mhijiex preċiża jew affidabbli". Il-KEPD jemmen li l-obbligu tar-rettifika ta' dejta mhux preċiża jew mhux affidabbli huwa obbligu fundamentali mhux biss għas-suġġett tad-dejta, iżda wkoll għall-effettività tal-azzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. F'din il-perspettiva, l-awtoritajiet li jaqsmu d-dejta għandhom idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi li jiżguraw li din ir-rettifika tkun dejjem fattibbli, u l-proposta għandha għalhekk tħassar il-kelmiet "meta jkun fattibbli".

31. Madankollu, it-tħassib prinċipali tal-KEPD huwa relatat mal-infurzabilità konkreta ta' dawn id-drittijiet. Minn naħa waħda, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u trasparenza, il-proposta għandha tikkjarifika f'aktar dettalji liema huma l-proċeduri konkreti li jistgħu jintużaw mis-suġġetti tad-dejta sabiex jinfurzaw id-drittijiet rikonoxxuti mill-ftehim, kemm fl-UE kif ukoll fl-Istati Uniti.

32. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 20.1 jiddikjara b'mod espliċitu u ċar li l-ftehim "ma għandux joħloq jew jikkonferixxi xi dritt jew benefiċċju fuq kwalunkwe persuna jew entità, privata jew pubblika". Il-KEPD jinnota li din id-dispożizzjoni tidher li tannulla jew għall-inqas tiddubita mill-effett vinkolanti ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-ftehim li jipprovdi għad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta li bħalissa la huma rikonoxxuti u lanqas infurzabbli skont il-liġi tal-Istati Uniti, b'mod partikolari meta s-suġġetti tad-dejta jkunu ċittadini mhux mill-Istati Uniti jew residenti permanenti. Pereżempju, l-Att dwar il-Privatezza tal-Istati Uniti jipprovdi dritt kwalifikat ta' aċċess għal informazzjoni personali li huwa aktar b'saħħtu mid-dritt ġenerali ta' aċċess mogħti lill-pubbliku ġenerali mill-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-Istati Uniti. Madankollu, l-Att dwar il-Privatezza tal-Istati Uniti jiddikjara b'mod ċar li talba għall-aċċess għar-reġistri ta' persuna hija possibbli biss għal "ċittadin tal-Istati Uniti jew persuna barranija ammessa legalment għal residenza permanenti" [2].

[1] Ara, pereżempju, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/JHA li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

[2] Dan huwa kkonfermat mill-informazzjoni disponibbli fuq il-websajt tat-Teżor tal-Istati Uniti "Meta tagħmel talba għal notifika ta' jew aċċess għar-reġistri, din għandha: […] Tiddikjara li inti ċittadin tal-Istati Uniti jew persuna barranija ammessa legalment għal residenza permanenti fl-Istati Uniti; […]", http://www.treas.gov/foia/how-to.html (aċċessata l-aħħar fil-21 ta' Ġunju 2010).

33. Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda li l-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 20.1 għandha tiġi riveduta sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet konferiti mill-proposta jiġu ddikjarati b'mod ċar u jkunu infurzabbli b'mod effettiv anki fit-territorju tal-Istati Uniti.

II.2.4. *Il-proposta tiżgura sorveljanza u superviżjoni indipendenti sodisfaċenti?*

34. L-Artikolu 12 tal-proposta jistabbilixxi livelli varji ta' monitoraġġ tal-kundizzjonijiet u s-salvagwardji stabbiliti mill-ftehim. "Sorveljaturi indipendenti" jimmonitorjaw f'ħin reali u b'mod retrospettiv it-tfittxijiet imdaħħla fis-seħħ mit-Teżor tal-Istati Uniti. Barra minn hekk, "persuna indipendenti maħtura mill-Kummissjoni Ewropea" twettaq monitoraġġ kontinwu tal-ewwel livell tas-sorveljanza, inkluż l-indipendenza tagħha. Għandu jiġi kkjarifikat x'sejrin ikunu l-kompiti ta' din il-persuna indipendenti, kif sejjer jiġi garantit li hija attwalment tissodisfa l-kompiti tagħha u lil min tirrapporta.

35. L-Artikolu 13 jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu għal reviżjoni konġunta, li trid titwettaq wara 6 xhur u mbagħad f'intervalli regolari. Din ir-reviżjoni konġunta titwettaq minn delegazzjoni konġunta bejn l-UE u l-Istati Uniti, inkluż għar-rappreżentanti tad-delegazzjoni tal-UE ta' żewġ awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta, u sejra tirriżulta f'rapport li l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

36. Il-KEPD jenfasizza li s-sorveljanza indipendenti hija element prinċipali tad-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, kif ikkonfermat mill-Artikolu 16 tat-TFUE u l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni. Riċentament, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet kriterji stretti għall-indipendenza fis-Sentenza tagħha tad-9 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni vs il-Ġermanja ([1]). Huwa ovvju li l-istess kriterji stretti ma jistgħux jiġu imposti fuq pajjiżi terzi, iżda huwa ċar ukoll li jista' jkun hemm biss protezzjoni adegwata tad-dejta personali ([2]) sakemm ikun hemm garanziji suffiċjenti għas-sorveljanza indipendenti. Din hija wkoll kundizzjoni għall-ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi li s-sistema legali tagħhom ma tistabbilixxix il-ħtieġa ta' kontroll minn awtorità indipendenti.

37. F'dan l-isfond, huwa kruċjali li mill-inqas il-modalitajiet tas-sorveljanza u tar-reviżjoni konġunta, kif ukoll is-setgħat u l-garanziji tal-indipendenza tal-persuni involuti fis-sorveljanza jiġu definiti b'mod ċar fil-ftehim, minflok li jkunu "kkoordinati b'mod konġunt" jew stabbiliti fi stadju aktar tard mill-partijiet. B'mod partikolari, huwa importanti li jiġi żgurat li kemm il-persuna maħtura mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta jkunu f'pożizzjoni li jaġixxu b'mod indipendenti u li jwettqu b'mod effettiv il-kompiti ta' sorveljanza tagħhom.

38. Barra minn hekk, il-proposta ma għandhiex tiffissa biss id-data tal-ewwel reviżjoni konġunta, li għandha ssir wara 6 xhur, iżda wkoll il-preżentazzjoni kronoloġika tal-analiżi sussegwenti, li tista' pereżempju sseħħ kull sena minn hemm 'il quddiem. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li tiġi stabbilita rabta bejn l-eżitu ta' dawn ir-reviżjonijiet konġunti u t-tul ta' żmien tal-ftehim.

39. F'dan il-kuntest, il-KEPD jenfasizza li "klawżola sunset" hija mixtieqa, anki fid-dawl tad-disponibbiltà possibbli ta' soluzzjonijiet aktar immirati fit-tul. "Klawżola sunset" tista' tkun inċentiv tajjeb biex tiżgura li jitpoġġew l-isforzi meħtieġa fl-iżvilupp ta' tali soluzzjonijiet, li jkun ifisser li ma jkun għad hemm ebda raġuni biex tkompli tintbagħat dejta f'ammonti kbar lit-Teżor tal-Istati Uniti.

40. Sabiex tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza u tar-reviżjoni konġunta, l-informazzjoni u d-dejta rilevanti għandhom ikunu disponibbli għan-numru ta' talbiet għall-aċċess u r-rimedjar, is-segwitu possibbli (tħassir, korrezzjoni, eċċ), kif ukoll in-numru ta' deċiżjonijiet li jillimitaw id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta. Fl-istess linja, safejn tkun ikkonċernata r-reviżjoni, l-informazzjoni għandha tkun disponibbli u rrappurtata fuq il-kwantità mhux biss tal-messaġġi "aċċessati" mit-Teżor tal-Istati Uniti, iżda wkoll tal-messaġġi "pprovduti" lit-Teżor tal-Istati Uniti. Dan għandu jiġi speċifikat fil-ftehim.

41. Barra minn hekk, is-setgħat u l-kompetenzi tal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta b'ebda mod ma għandhom ikunu limitati minn din il-proposta. F'din il-perspettiva, il-KEPD jinnota li l-proposta tagħmel pass lura fir-rigward tal-ftehim interim tat-TFTP. Għaldaqstant, filwaqt li l-ftehim preċedenti ddikjara fil-preambolu tiegħu li "dan il-Ftehim ma jidderogax mis-setgħat eżistenti tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta fl-Istati Membri biex jipproteġu lill-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom", il-proposta issa tirreferi għas-"sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-dejta b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan il-ftehim". Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda li l-proposta tiddikjara b'mod ċar li l-ftehim ma jidderogax u ma jillimitax is-setgħat tal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta.

## III. **KONKLUŻJONIJIET**

42. Il-KEPD jirrikonoxxi li din il-proposta tipprevedi ċertu titjib sostanzjali fir-rigward tal-ftehim interim TFTP I, bħall-esklużjoni tad-dejta tas-SEPA, definizzjoni aktar limitata tat-terroriżmu, u dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta.

([1]) Każ C-518/07, nyr.

([2]) L-Artikolu 10 tal-ftehim propost jiddikjara li t-Teżor tal-Istati Uniti huwa maħsub biex jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni.

43. Madankollu, il-KEPD jinnota li għandu jiġi ssodisfat prerekwiżit essenzjali għall-valutazzjoni tal-leġittimità ta' ftehim ġdid tat-TFTP. In-neċessità tal-iskema għandha tiġi stabbilita fir-rigward tal-istrumenti tal-UE u internazzjonali eżistenti diġà.

44. Jekk dan ikun il-każ, il-KEPD jirrimarka li għad hemm xi kwistjonijiet miftuħa li jridu jiġu indirizzati u elementi prinċipali li jridu jittejbu sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni ta' dejta personali, bħal:

— Li jiġi żgurat li t-trasferimenti kbar jiġu sostitwiti minn mekkaniżmi li jippermettu li d-dejta ta' tranżazzjoni finanzjarja tiġi ffiltrata fl-UE, u li jiġi żgurat li tkun biss id-dejta rilevanti u meħtieġa li tintbagħat lill-Awtoritajiet tal-Istati Uniti

— Li jitnaqqas b'mod konsiderevoli l-perjodu tal-ħżin għal dejta mhux estratta

— Li l-kompitu tal-valutazzjoni tat-talbiet tat-Teżor tal-Istati Uniti jiġi fdat lil awtorità ġudizzjarja pubblika, b'konformità mal-mandat ta' negozjar u l-qafas legali attwali tal-UE

— Li jiġi żgurat li d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta konferiti mill-proposta jiġu ddikjarati b'mod ċar u jkunu infurzabbli b'mod effettiv anki fit-territorju tal-Istati Uniti

— Li jissaħħu l-mekkaniżmi tas-sorveljanza u s-superviżjoni indipendenti, billi:

(i) jiġi żgurat li l-kompiti u l-irwol tal-persuna maħtura mill-Kummissjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta jkunu definiti sewwa u li dawn ikunu f'pożizzjoni li jaġixxu b'mod indipendenti u jwettqu l-kompiti ta' sorveljanza tagħhom b'mod effettiv;

(ii) jiġi żgurat li r-reviżjonijiet konġunti jsiru regolarment u li l-eżitu tagħhom jiġi marbut mat-tul tal-ftehim permezz ta' klawżola sunset

(iii) l-informazzjoni disponibbli tiġi estiża għas-sorveljaturi indipendenti u l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta

(iv) jiġi evitat li l-ftehim jillimita s-setgħat tal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta

— Li tiġi inkluża referenza għal din l-opinjoni fil-preambolu tal-Proposta.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2010.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*